32007R0423

20.4.2007 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 103/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 423/2007

tad-19 ta' April 2007

dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/140/PESK tas-27 ta' Frar 2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran[1],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

[1] ĠU L 61, 28.2.2007, p. 49.

Billi:

(1) Fit-23 ta' Diċembru 2006, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 1737 (2006) ("UNSCR 1737 (2006)") li ddeċidiet li l-Iran għandu mingħajr aktar dewmien jissospendi l-attivitajiet kollha relatati ma' l-arrikkiment u l-ipproċessar mill-ġdid, kif ukoll il-ħidma fuq proġetti tqal relatati ma' l-ilma, u jieħu ċerti passi meħtieġa mill-Bord tal-Gvernaturi ta' l-Aġenzija Internazzjonali ta' l-Enerġija Atomika ("IAEA"), li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jqis essenzjali biex tinbena l-kunfidenza fl-iskop esklussivament paċifiku tal-programm nukleari ta' l-Iran. Sabiex tikkonvinċi lill-Iran biex jikkonforma ma' din id-deċiżjoni mandatorja, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li l-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti għandhom japplikaw numru ta' miżuri restrittivi.

(2) F'konformità mal-UNSCR 1737 (2006), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/140/PESK tipprovdi għal ċerti miżuri restrittivi kontra l-Iran. Dawn il-miżuri jinkludu restrizzjonijiet fuq esportazzjonijiet u importazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġiji li jistgħu jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' l-Iran relatati ma' l-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati ma' l-ilma tqil, jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, projbizzjoni fuq il-forniment ta' servizzi relatati, projbizzjoni fuq l-investiment relatat ma' tali oġġetti u teknoloġija, projbizzjoni fuq l-akkwist ta' oġġetti u teknoloġiji rilevanti mill-Iran, kif ukoll l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta' persuni, entitajiet u korpi involuti fi, assoċjati direttament ma' jew li jipprovdu appoġġ għal tali attivitajiet jew żvilupp.

(3) Dawn il-miżuri jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u, għalhekk, partikolarment sabiex tkun assigurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa leġislazzjoni Komunitarja sabiex timplimentahom f'dak li jirrigwarda l-Komunità.

(4) Dan ir-Regolament jidderoga mil-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti li tipprovdi għal regoli ġenerali dwar esportazzjonijiet lejn, u importazzjonijiet minn, pajjiżi terzi, u b'mod partikolari mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1334/2000 tat-22 ta' Ġunju 2000 li jwaqqaf reġim Komunitarju għall-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġija ta' użu doppju[1]; safejn dan ir-Regolament ikopri l-istess oġġetti u teknoloġija.

(5) Għal-raġunijiet ta' espedjenza, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tippublika l-lista ta' oġġetti u teknoloġija projbiti u kwalunkwe emendi għaliha li ser ikunu adottati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, u biex temenda l-listi ta' persuni, entitajiet u korpi li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi tagħhom għandhom ikunu ffriżati abbażi ta' deċiżjonijiet milħuqa mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

(6) Rigward il-lista għall-istabbiliment u l-emendar tal-lista msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill għandu jeżerċita s-setgħat implimentattivi korrispondenti huwa nnifsu fid-dawl ta' l-objettivi ta' l-UNSCR 1737 (2006), notevolment biex irażżan l-iżvilupp ta' teknoloġiji sensittivi mill-Iran b'appoġġ għall-programmi nukleari u ta' missili tiegħu, u n-natura sensittiva għall-proliferazzjoni ta' l-attivitajiet li jsiru minn persuni u entitajiet li jappoġġaw dawn il-programmi.

---

[1] ĠU L 159, 30.6.2000, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 394/2006 (ĠU L 74, 13.3.2006, p. 1).

(7) L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-pieni applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Il-pieni previsti għandhom ikunu proporzjonali, effettivi u dissważivi.

(8) Sabiex jiġi garantit li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ta' l-aħħar għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament biss, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Kumitat tas-Sanzjonijiet" tfisser il-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti li kien stabbilit skond il-paragrafu 18 tal-UNSCR 1737 (2006);

(b) "assistenza teknika" tfisser kwalunkwe appoġġ tekniku relatat ma' tiswijiet, żvilupp, manifattura, muntaġġ, ittestjar, manutenzjoni, jew kwalunkwe servizz tekniku ieħor, u jista' jieħu forom bħal istruzzjoni, pariri, taħriġ, trasmissjoni ta' tagħrif prattiku jew ħiliet jew servizzi ta' konsulenza; inkluż forom verbali ta' assistenza;

(ċ) it-term "oġġetti" jinkludi oġġetti, materjali u tagħmir;

(d) it-terminu "teknoloġija" jinkludi *software*;

(e) "investiment" tfisser l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni f'intrapriżi, inkluż l-akkwist b'mod sħiħ ta' tali intrapriżi u l-akkwist ta' ishma u titoli ta' natura parteċipanti;

(f) "servizzi ta' sensarija" tfisser attivitajiet ta' persuni, entitajiet u soċjetajiet li jaġixxu bħala intermedjarji billi jixtru, ibigħu jew jirranġaw it-trasferiment ta' oġġetti u teknoloġiji, jew jinnegozjaw jew jirranġaw operazzjonijiet li jinvolvu t-trasferiment ta' oġġetti jew teknoloġiji;

(g) "fondi" tfisser assi finanzjarji u benefiċċji ta' kull xorta, li jinkludu iżda mhux limitati għal:

(i) flus kontanti, ċekkijiet, pretensjonijiet fuq flejjes, *drafts*, *money-orders* u strumenti oħra ta' ħlas;

(ii) depożiti ma' istituzzjonijiet finanzjarji jew entitajiet oħra, bilanċi f'kontijiet, dejn u obbligazzjonijiet ta' dejn;

(iii) titoli negozjati kemm pubblikament kif ukoll privatament u dokumenti dwar dejn, inklużi strumenti ta' kapital u ishma, ċertifikati li jirrappreżentaw sigurtajiet, *bonds,* noti, mandati, obbligazzjonijiet u kuntratti derivattivi;

(iv) imgħax, *dividends* jew dħul ieħor fuq assi, jew valur akkumulat jew ġenerat minnhom;

(v) kreditu, dritt ta' tpaċija, garanziji, *performance bonds* jew impenji finanzjarji oħra;

(vi) ittri ta' kreditu, poloz ta' kargu, dokumenti ta' bejgħ; u

(vii) dokumenti li jagħtu prova ta' interess f'fondi jew riżorsi finanzjarji;

(h) "iffriżar ta' fondi" tfisser il-prevenzjoni ta' kwalunkwe moviment, trasferiment, alterazzjoni, użu ta', aċċess għal, jew negozju b'fondi bi kwalunkwe mod li jirriżulta fi kwalunkwe bidla fil-volum, fl-ammont, fil-lok, fid-dritt tal-proprjetà, fil-pussess, fil-karattru, fid-destinazzjoni tagħhom jew f'bidla oħra li tippermetti l-użu tal-fondi, inkluża l-amministrazzjoni ta' *portfolio*;

(i) "riżorsi ekonomiċi" tfisser assi ta' kull xorta, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi iżda li jistgħu jintużaw għall-akkwist ta' fondi, oġġetti jew servizzi;

(j) "iffriżar ta' riżorsi ekonomiċi" tfisser il-prevenzjoni ta' l-użu ta' riżorsi ekonomiċi għall-akkwist ta' fondi, oġġetti jew servizzi bi kwalunkwe mod, inklużi, iżda mhux limitata għalihom, il-bejgħ, il-kiri jew l-użu bħala garanzija tagħhom;

(k) "territorju tal-Komunità" tfisser it-territorji ta' l-Istati Membri li għalihom huwa applikabbli t-Trattat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattat, inkluż l-ispazju ta' l-ajru tagħhom.

Artikolu 2

Għandu jkun projbit

(a) il-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni, dirett jew indirett, ta' l-oġġetti u t-teknoloġija li ġejjin, kemm jekk joriġinaw fil-Komunità kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għal użu fl-Iran:

(i) l-oġġetti u t-teknoloġiji kollha li jinsabu fil-listi tal-Grupp ta' Fornituri Nukleari u tar-Reġim ta' Kontroll tat-Teknoloġija tal-Missili. Dawn l-oġġetti u teknoloġija huma elenkati fl-Anness I;

(ii) oġġetti u teknoloġija oħra stabbiliti mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet jew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti bħala oġġetti u teknoloġiji li jistgħu jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' l-Iran relatati ma' l-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati ma' l-ilma tqil, jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari. Dawn l-oġġetti u teknoloġija huma ukoll elenkati fl-Anness I;

(b) il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjoni msemmija fil-punt (a).

Artikolu 3

1. Tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel għall-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni, dirett jew indirett, ta' l-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness II, kemm jekk joriġinaw fil-Komunità kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fi, jew għal użu fl-Iran.

2. L-Anness II għandu jinkludi kwalunkwe oġġetti u teknoloġija minbarra dawk inklużi fl-Anness I, li jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet relatati ma' l-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati ma' l-ilma tqil, għall-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, jew għat-twettiq ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħra li dwarhom l-Aġenzija Internazzjonali dwar l-Enerġija Atomika (IAEA) esprimiet tħassib jew identifikathom bħala pendenti.

3. L-esportaturi għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni.

4. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikat fil-*websites* elenkati fl-Anness III, m'għandhomx jagħtu awtorizzazzjoni għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' l-oġġetti jew teknoloġija inklużi fl-Anness II, jekk huma jiddeterminaw li dan il-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) attivitajiet ta' l-Iran relatati ma' l-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati ma' l-ilma tqil;

(b) l-iżvilupp mill-Iran ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, jew

(ċ) it-twettiq mill-Iran ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħra li dwarhom l-IAEA esprimiet tħassib jew identifikathom bħala pendenti.

5. Skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikat fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jannullaw, jissospendu, jimmodifikaw jew jirrevokaw awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni li huma jkunu diġà taw.

6. Fejn huma jirrifjutaw li jagħtu awtorizzazzjoni, jew jannullaw, jissospendu, jillimitaw sostanzjalment jew jirrevokaw awtorizzazzjoni skond il-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan u għandhom jaqsmu l-informazzjoni rilevanti magħhom, waqt li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet rigward il-kunfidenzjalità ta' tali informazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-kooperazzjoni bejn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar kwistjonijiet doganali u agrikoli[1].

[1] ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

7. Qabel ma' Stat Membru jagħti awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni li tkun ġiet miċħuda minn Stat Membru ieħor jew Stati Membri oħra, skond il-paragrafu 4, għal operazzjoni essenzjalment identika u li għaliha ċ-ċaħda għadha valida, huwa għandu l-ewwel jikkonsulta lill-Istat Membru jew Stati Membri li jkunu ħarġu ċ-ċaħda kif previst fil-paragrafi 5 u 6. Jekk, wara tali konsultazzjonijiet, l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li jagħti awtorizzazzjoni, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan, waqt li jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha biex jispjega d-deċiżjoni.

Artikolu 4

Għandu jkun ipprojbit li jinxtraw, jiġu importati jew trasportati mill-Iran, il-prodotti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness I, kemm jekk l-oġġett kkonċernat joriġina mill-Iran jew le.

Artikolu 5

1. Għandu jkun projbit:

(a) li tkun provduta, direttament jew indirettament, assistenza teknika jew servizzi ta' sensarija relatati ma' l-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness I, u għall-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' oġġetti elenkati fl-Anness I, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fl-Iran, jew għall-użu, fl-Iran;

(b) li jkun ipprovdut investiment lil intrapriżi fl-Iran involuti fil-manifattura ta' oġġetti u teknoloġija kif elenkati fl-Anness I;

(ċ) li jkunu pprovduti, direttament jew indirettament, finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' l-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness I, inklużi b'mod partikolari l-għotjiet, is-self u l-assigurazzjoni fuq il-kreditu ta' esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-prodotti, jew għal kwalunkwe għoti ta' assistenza teknika relatata lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;

(d) il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonali, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun li jaħarbu mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) jew (ċ).

2. Il-forniment ta':

(a) assistenza teknika jew servizzi ta' sensarija relatati ma' l-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness II, u għall-provvista, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fl-Iran, jew għall-użu, fl-Iran;

(b) li jkun ipprovdut investiment lil intrapriżi fl-Iran involuti fil-manifattura ta' oġġetti u teknoloġija kif elenkati fl-Anness II;

(ċ) finanzjament jew assistenza finanzjarja relatata ma' l-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fl-Anness II, inklużi b'mod partikolari l-għotjiet, is-self u l-assigurazzjoni fuq il-kreditu ta' esportazzjoni, għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawn l-prodotti, jew għal kwalunkwe għoti ta' assistenza teknika relatata, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp, fl-Iran jew għall-użu fl-Iran;

għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat.

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikat fil-*websites* elenkati fl-Anness III, m'għandhomx jagħtu ebda awtorizzazzjoni għal-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, jekk huma jiddeterminaw li l-azzjoni tista tikkontribwixxi għal waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(a) attivitajiet ta' l-Iran relatati ma' l-arrikkiment, l-ipproċessar mill-ġdid, jew relatati ma' l-ilma tqil;

(b) l-iżvilupp mill-Iran ta' sistemi ta' konsenja ta' armi nukleari, jew

(ċ) it-twettiq mill-Iran ta' attivitajiet relatati ma' suġġetti oħra li dwarhom l-IAEA esprimiet tħassib jew identifikathom bħala pendenti.

Artikolu 6

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikat fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jagħtu, taħt tali termini u kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, awtorizzazzjoni għal operazzjoni fir-rigward ta' oġġetti u teknoloġija, assistenza, investiment jew servizzi ta' sensarija msemmija fl-Artikoli 2 jew 5(1), fejn il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ikun iddetermina bil-quddiem u fuq bażi ta' każ b'każ li l-operazzjoni tikkontribwixxi b'mod ċar la għall-iżvilupp ta' teknoloġiji b'appoġġ ta' l-attivitajiet nukleari ta' l-Iran sensittivi għall-proliferazzjoni, u l-anqas għall-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja għall-iżvilupp ta' armi nukleari, inkluż fejn tali oġġetti u teknoloġija, assistenza, investiment jew servizzi ta' sensarija huma għall-ikel, agrikoltura, finijiet mediċi jew finijiet umanitarji oħra, sakemm:

(a) il-kuntratt tal-konsenja ta' l-oġġetti jew teknoloġija, jew għall-forniment ta' assistenza, jinkludi garanziji xierqa għall-utent aħħari, u

(b) l-Iran impenja ruħu li ma jużax l-oġġetti jew teknoloġija kkonċernata, jew jekk applikabbli, l-assistenza kkonċernata, f'attivitajiet nukleari sensittivi għall-proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' konsenja għall-iżvilupp ta' armi nukleari.

Artikolu 7

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma l-proprjetà ta', huma miżmuma jew huma kkontrollati mill-persuni, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness IV għandhom ikunu ffriżati. L-Anness IV għandu jinkludi l-persuni, entitajiet u korpi indikati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet skond il-paragrafu 12 tal-UNSCR 1737 (2006).

2. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma l-proprjetà ta', huma miżmuma jew huma kkontrollati mill-persuni, entitajiet u korpi elenkati fl-Anness IV għandhom ikunu ffriżati. L-Anness V għandu jinkludi persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi, mhux koperti mill-Anness IV, li, f'konformità ma' l-Artikolu 5(1)(b) tal-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK, ġew identifikati li

(a) kienu involuti fi, assoċjati direttament ma, jew jipprovdu appoġġ għall-attivitajiet nukleari ta' l-Iran sensittivi għall-proliferazzjoni, jew

(b) kienu involuti fi, assoċjati direttament ma, jew jipprovdu appoġġ għall-iżvilupp ta' l-Iran ta' sistemi ta' konsenja għall-iżvilupp ta' armi nukleari, jew

(ċ) jaġixxu f'isem jew skond id-direzzjoni ta' persuna, entità jew korp imsemmi taħt (a) jew (b), jew

(d) huma persuna ġuridika, entità jew korp proprjetà ta' jew ikkontrollati minn persuna, entità jew korp imsemmija taħt (a) jew (b), inkluż permezz ta' mezzi illeċiti.

3. L-ebda fondi jew riżorsi ekonomiċi ma għandhom jintgħamlu disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għall-benefiċċju tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew il-korpi elenkati fl-Annessi IV u V.

4. Il-parteċipazzjoni, konxja u intenzjonata, f'attivitajiet li l-għan jew l-effett tagħhom hu, direttament jew indirettament, l-evażjoni tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tiġi pprojbita.

Artikolu 8

B'deroga mill-Artikolu 7, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikat fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' garanzija ġuridika, amministrattiva jew arbitrali stabbilita qabel it-23 ta' Diċembru 2006 jew ta' sentenza ġuridika, amministrattiva jew arbitrali mogħtija qabel dik id-data;

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklussivament biex jissodisfaw pretensjonijiet magħmula bis-saħħa ta' tali garanzija jew rikonoxxuti bħala validi b'tali sentenza, fil-limiti stabbiliti minn liġijiet u regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li għandhom tali pretensjonijiet;

(ċ) il-garanzija jew is-sentenza mhux għall-benefiċċju ta' persuna, entità jew korp elenkat fl-Anness IV jew V;

(d) ir-rikonoxximent tal-garanzija jew tas-sentenza ma jmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat; u

(e) jekk japplika l-Artikolu 7(1), il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ġie innotifikati mill-Istat Membru dwar il-garanzija jew is-sentenza.

Artikolu 9

B'deroga mill-Artikolu 7 u sakemm il-ħlas minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV jew V huwa dovut taħt kuntratt, ftehim jew obbligu li kien konkluż minn, jew irriżulta għall-persuna, entità jew korp ikkonċernat, qabel id-data meta dik il-persuna, entità jew korp kienu maħtura mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, il-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kunsill, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikati fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li:

(i) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi għandhom jintużaw għall-pagament minn persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV jew V;

(ii) il-kuntratt, il-ftehim jew l-obbligu mhux ser jikkontribwixxu għall-manifattura, bejgħ, xiri, trasferiment, esportazzjoni, importazzjoni, trasport jew użu ta' oġġetti u teknoloġija elenkati fl-Annessi I u II; u

(iii) il-ħlas mhuwiex bi ksur ta' l-Artikolu 7(3);

(b) jekk japplika l-Artikolu 7(1), l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx oġġezzjona għal dik l-azzjoni fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol min-notifika; u

(ċ) jekk japplika l-Artikolu 7(2), l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika dik id-determinazzjoni ta' l-awtorità kompetenti tiegħu u l-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni lill-Istat Membru l-ieħor u lill-Kummissjoni ta' l-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

Artikolu 10

1. B'deroga mill-Artikolu 7, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikati fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw, taħt tali kondizzjonijiet li huma jqisu xierqa, ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew id-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(a) l-awtorità kompetenti kkonċernata ddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma:

(i) meħtieġa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness IV jew V, u l-membri dipendenti tal-familji tagħhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew garanziji ipotekarji, mediċini u trattament mediku, taxxi, ħlas ta' assigurazzjoni, u ħlasijiet għall-użu ta' servizzi pubbliċi;

(ii) maħsuba esklusivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimbors ta' spejjeż li huma konnessi mal-forniment ta' servizzi legali; jew

(iii) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' miżati jew il-ħlasijiet ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; u

(b) jekk l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV, l-Istat Membru kkonċernat ikun innotifika lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet b'dik id-determinazzjoni u bl-intenzjoni tiegħu li jagħti awtorizzazzjoni, u l-Kumitat tas-Sanzjonijiet ma jkunx oġġezzjona għal dik l-azzjoni fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol min-notifika.

2. B'deroga mill-Artikolu 7, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikati fil-*websites* elenkati fl-Anness III, jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew id-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, wara li jkunu ddeterminaw li l-fondi jew riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma meħtieġa għal spejjeż straordinarji, sakemm

(a) jekk l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness IV, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet ġie notifikat dwar din id-determinazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat u li d-determinazzjoni ġiet approvata minn dak il-Kumitat, u

(b) jekk l-awtorizzazzjoni tikkonċerna persuna, entità jew korp elenkati fl-Anness V, l-awtorità kompetenti nnotifikat ir-raġunijiet li fuqhom tikkunsidra li awtorizzazzjoni speċifika għandha tingħata lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra ta' l-Istati Membri u lill-Kummissjoni ta' l-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

3. L-Istat Membru rilevanti għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt il-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 11

1. L-Artikolu 7(3) ma għandux jipprevjeni lil istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fil-Komunità milli jikkreditaw kontijiet iffriżati fejn jirċievu fondi trasferiti minn partijiet terzi fil-kont tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, sakemm kwalunkwe żieda għal tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tgħarraf bla dewmien lill-awtoritajiet kompetenti b'tali operazzjonijiet.

2. L-Artikolu 7(3) m'għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

   (a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

   (b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obbligi li ġew konklużi jew inqalgħu qabel it-23 ta' Diċembru 2006;

bil-kondizzjoni li kwalunkwe imgħax, dħul ieħor u ħlasijiet bħal dawn huma ffriżati skond l-Artikolu 7(1) jew 7(2).

Artikolu 12

1. L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li wieħed jagħmel fondi jew riżorsi ekonomiċi disponibbli, magħmula bi skop tajjeb u bil-konvinzjoni li tali azzjoni hi konformi ma' dan ir-Regolament, ma għandhomx joħolqu responsabbiltà ta' kwalunkwe tip minn naħa tal-persuna fiżika jew ġuridika jew l-entità jew il-korp li jkunu qed jimplimentawha, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, sakemm ma jiġix ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi ġew iffriżati jew miżmuma bħala riżultat ta' negliġenza.

2. Il-projbizzjonijiet imniżżla fl-Artikoli 5(1)(ċ) u 7(3) m'għandhomx joħolqu responsabbiltà ta' kwalunkwe tip minn naħa tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet ikkonċernati, jekk ma kinux jafu, u ma kellhom l-ebda kawża raġonevoli biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom jiksru dawn il-projbizzjonijiet.

Artikolu 13

1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar ir-rappurtar, il-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali, il-persuni, l-entitajiet u l-korpi naturali u ġuridiċi għandhom:

(a) jipprovdu immedjatament kwalunkwe informazzjoni li tista' tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal kontijiet u ammonti ffriżati skond l-Artikolu 7, lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, kif indikati fil-*websites* elenkati fl-Anness III, fejn huma residenti jew jinsabu, u għandhom jittrasmettu tali informazzjoni, direttament jew permezz ta' l-Istati Membri, lill-Kummissjoni;

(b) jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti, kif indikati fil-*websites* elenkati fl-Anness III, fi kwalunkwe verifika ta' din l-informazzjoni.

2. Kwalunkwe tagħrif addizzjonali riċevut mill-Kummissjoni b'mod dirett għandu jkun magħmul disponibbli lill-Istat Membru kkonċernat.

3. Kwalunkwe informazzjoni li tingħata jew tiġi rċevuta skond dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-għanijiet li għalihom tkun ġiet provduta jew irċevuta.

Artikolu 14

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom minnufih jinformaw lil xulxin bil-miżuri meħuda taħt dan ir-Regolament u għandhom ifornu lil xulxin bi kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom b'konnessjoni ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni fir-rigward ta' problemi ta' vjolazzjonijiet u infurzar u sentenzi mogħtija minn qrati nazzjonali.

Artikolu 15

1. Il-Kummissjoni għandha:

   (a) temenda l-Anness I abbażi tad-determinazzjonijiet li jsiru minn jew il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet;

   (b) temenda l-Anness III abbażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri;

   (ċ) temenda l-Anness IV abbażi tad-determinazzjonijiet li jsiru minn jew il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

2. Il-Kunsill, waqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu jistabbilixxi, jirrevedi u jemenda l-lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 7(2) u f'konformità sħiħa mad-determinazzjonijiet li jsiru mill-Kunsill fir-rigward ta' l-Anness II għall-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK. Il-lista fl-Anness V għandha tiġi riveduta f'intervalli regolari u ta' l-inqas kull 12-il xahar.

3. Il-Kunsill għandu jiddikjara raġunijiet individwali u speċifiċi għal deċiżjonijiet meħuda skond il-paragrafu 2 u jagħmilhom magħrufa lill-persuni, entitajiet u korpi kkonċernati.

Artikolu 16

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implementati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dawk ir-regoli mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 17

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru lill-awtoritajiet kompetenti msemmija f'dan ir-Regolament u jidentifikawhom fi jew permezz tal-*websites* elenkati fl-Anness III.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti tagħhom mingħajr dewmien wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikawha dwar kwalunkwe emenda sussegwenti.

Artikolu 18

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fit-territorju tal-Komunità;

(b) abbord kwalunkwe inġenju ta' l-ajru jew kwalunkwe bastiment taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru;

(ċ) għal kwalunkwe persuna ġewwa jew barra t-territorju tal-Komunità li tkun ċittadina ta' Stat Membru;

(d) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp li jkunu inkorporati jew kostitwiti taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp fir-rigward ta' kwalunkwe kummerċ imwettaq, kollu kemm hu jew parti minnu, ġewwa l-Komunità.

Artikolu 19

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, 19 ta' April 2007.

Għall-Kunsill
Il-President

Brigitte ZYPRIES

ANNESS I

Oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2

Nota:

Fejn possibbli, l-oġġetti f'dan l-Anness huma definiti b'referenza għall-lista ta' oġġetti ta' użu doppju mniżżla fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1334/2000. Jekk oġġett f'dan l-Anness mhuwiex identiku għal oġġett inkluż f'dak l-Anness, in-numru ta' referenza meħud mil-lista ta' oġġetti ta' użu doppju huwa preċedut b'"ex" u d-deskrizzjoni ta' l-oġġetti jew tat-teknoloġija li tinsab f' dan l-Anness għandha tkun deċiżiva.

I.A. Oġġetti

...

I.B. Teknoloġija

...

ANNESS II

Oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 3

Noti:

1. Sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor, in-numri ta' referenza użati fil-kolonna ta' hawn taħt intitolata "Deskrizzjoni" jirreferu għal deskrizzjonijiet ta' oġġetti u teknoloġija ta' użu doppju mniżżla fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1334/2000.

2. Numru ta' referenza fil-kolonna ta' hawn taħt intitolata "Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006" ifisser li l-karatteristiċi ta' l-oġġett deskritt fil-kolonna "Deskrizzjoni" jaqgħu barra mill-parametri mniżżla fid-deskrizzjoni ta' l-iskrizzjoni ta' użu doppju msemmija.

3. Definizzjonijiet ta' termini bejn 'virgoletti uniċi' huma mogħtija f'nota teknika għall-oġġett rilevanti.

4. Definizzjonijiet ta' termini bejn "virgoletti doppji" jistgħu jinsabu fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006.

II.A. Oġġetti

A0 Materjali Nukleari, Faċilitajiet, u Tagħmir

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A0.001	Lampi bil-katodu vojt kif ġej: a. Lampi tal-jodju bil-katodu vojt bi twieqi tas-silikon pur jew tal-kwarz b. Lampi ta' l-uranju bil-katodu vojt	–
II.A0.002	Iżolaturi Faraday fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 500 nm 650 nm	–
II.A0.003	Gradi ottiċi fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 500 nm - 650 nm	–
II.A0.004	Fibri ottiċi fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 500 nm - 650 nm miksijin b'saffi li ma jirriflettux fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 500 nm - 650 nm u li għandhom dijametru ċentrali ta' iktar minn 0,4mm iżda mhux iktar minn 2mm	–

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A0.005	Komponenti ta' kontenituri ta' reatturi nukleari u tagħmir ta' l-ittestjar, minbarra dawk speċifikati f' 0A001, kif ġej: 1. Siġilli 2. Komponenti interni 3. Tagħmir ta' siġillar, testjar u ta' kejl	0A001
II.A0.006	Sistemi ta' skoperta nukleari għall-iskoperta, l-identifikazzjoni jew il-kwantifikazzjoni ta' materjali radjuattivi u r-radjazzjoni ta' oriġini nukleari u komponenti ddisinjati b'mod speċjali għalihom, minbarra dawk speċifikati f' 0A001.j jew 1A004c	0A001.j 1A004.c
II.A0.007	Valvijiet ssiġillati bl-imniefaħ magħmulin minn liga ta' l-aluminju jew it-tip 304 jew 316 L ta' l-i*stainless steel* Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax valvijiet ta' l-imniefaħ definiti f' 0B001.c.6 u 2A226	0B001.c.6 2A226
II.A0.008	Mirja pjani, konvessi u konkavi, miksijin b'diversi saffi ta' riflessjoni għolja jew ikkontrollati fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 500 nm - 650 nm	0B001.g.5

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A0.009	Lentijiet, polarizzaturi, pjanċi li jirritardaw ta' nofs mewġa (pjanċi λ/2), pjanċi li jirritardaw ta' kwart ta' mewġa (pjanċi λ/2), twieqi laser tas-silikon jew kwarz u *rotators*, miksijin b'saffi li ma jirriflettux fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 500 nm - 650 nm	0B001.g
II.A0.010	Pajpijiet, pajping, flanġijiet, fittings magħmula minn jew infurrati bin-nikil, jew liga tan-nikil li fiha iktar minn 40% nikil fil-piż, minbarra dawk speċifikati f' 2B350.h.1.	2B350
II.A0.011	Pompi tal-vakwu minbarra dawk speċifikati f' 0B002.f.2. jew 2B231, kif ġej: – Pompi turbomolekulari li għandhom rata ta' fluss daqs jew iktar minn 400 l/s – Pompi tal-vakwu għall-kisba ta' vakwu għoli tat-tip "*roots*" li għandhom rata ta' fluss għall-aspirazzjoni volumetrika iktar minn 200 m^3/h Kompressur niexef issiġillat bl-imniefaħ, skroll, u pompi tal-vakwu niexef issiġillati bl-imniefaħ, skroll	0B002.f.2 2B231

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A0.012	Egħluq protett għall-manipulazzjoni, ħażna u maniġġar ta' sustanzi radjoattivi (Ċelloli jaħarqu).	0B006
II.A0.013	"Uranju naturali" jew "uranju eżawrit" jew torju fil-forma ta' metall, liega, komposti jew konċentrati kimiċi u kwalunkwe materjal ieħor li jkun fih wieħed jew aktar mill-materjali li ssemmew, minbarra dawk speċifikati f' 0C001.	0C001

A1 Materjali, Kimiċi, "Mikro-organiżmi" u "Tossini"

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A1.001	Bis(2-ethylhexyl) aċidu fosforiku (HDEHP jew D2HPA) CAS 298 07-7 solvent fi kwalunkwe kwantità, b'purezza ta' iktar minn 90%	–
II.A1.002	Gass fluworu (Numru ta' l-Astratt tal-Kimika (CAS) 7782 41 4), b'purezza ta' iktar minn 95%	–

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A1.003	Siġilli u *gaskets* magħmula minn kwalunkwe mill-materjali li ġejjin a. Kopolimeri tal-klorur tal-vinil li fihom 75% jew aktar struttura beta kristallina mingħajr tiġbid; b. Polimidi fluworinati li għandhom piż ta' 10 % jew aktar ta' fluworu kkombinat; ċ. Elastomeri tal-fosfażin fluworinat li għandhom piż ta' 30 % jew aktar ta' fluworu kkombinat; d. Polychlorotrifluoroethylene (PCTFE, e.g. Kel-F ®); e. Viton fluworo-elastomeri; f. Polytetrafluoroethylene (PTFE).	
II.A1.004	Tagħmir personali għall-ksib ta' radjazzjoni ta' oriġini nukleari, inklużi dożimetri personali Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax sistemi ta' skoperta nukleari definiti fil-punt 1A004.c	1A004.c

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A1.005	Ċelloli elettrolitiċi għal produzzjoni ta' fluworin b'kapaċità tal-produzzjoni ikbar minn 100g ta' fluworin fis-siegħa. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax ċelloli elettrolitiċi definiti fil-punt 1B225	1B225
II.A1.006	Katalisti miksijin bil-platinu, minbarra dawk speċifikati f'1A225, ddisinjati jew ippreparati apposta għall-promozzjoni tar-reazzjoni ta' skambju ta' l-iżotopi ta' l-idroġenu bejn idroġenu u ilma għall-irkuprar ta' tritju mill-ilma tqil jew għal produzzjoni ta' ilma tqil u sostituti tiegħu.	1B231, 1A225
II.A1.007	Aluminju u l-ligi tiegħu, minbarra dawk speċifikati f'1C002.b.4 jew 1C202.a, f'forma mhux raffinata jew semi-fabrikata li għandha kwlaunkwe mill-karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi ta' reżistenza tal-ġibda aħħarija ta' 460 MPa jew iktar f'293 K (20 °C); jew b. Għandu reżistenza tal-ġibda ta' 415 MPa jew iktar f'298 K (25 °C).	1C002.b.4 1C202.a
II.A1.008	Metalli bil-kalamita, ta' kull tip u ta' kwalunkwe forma, li għandhom permeabbiltà relattiva inizzjali ta' 120 000 jew aktar u ħxuna ta' 0,05 u 0,1 mm	1C003.a

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A1.009	"Materjali fibrużi jew bil-filamenti" jew prepegs, kif ġej: a. "Materjali fibrużi jew filamentari" tal-karbon jew ta' l-aramid li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. "Modulu speċifiku" ta' iktar minn 10×10^6 m; jew 2. "Reżistenza tal-ġibda speċifika" ta' iktar minn 17×10^4 m; b. "Materjali fibrużi jew filamentari" tal-ħġieġ li għandhom waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. "Modulu speċifiku" ta' iktar minn $3{,}18 \times 10^6$ m; jew 2. "Reżistenza tal-ġibda speċifika" ta' iktar minn $76{,}2 \times 10^3$ m; ċ. "Ħjut", "*rovings*", "irmunkar" jew "rutelli"' kontinwi li fihom reżin tat-termoset b'wisgħa ta'15 mm jew inqas (*prepregs*), magħmula minn "materjali fibrużi jew filamentari" tal-karbon jew tal-ħġieġ speċifikati II.A1.010.a. or b. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax materjali fibrużi jew filamentari definiti fil-punti 1C010.a, 1C010.b, 1C210.a u 1C210.b	1C010.a, 1C010.b, 1C210.a 1C210.b

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A1.010	Fibri magħmula (imlaqqma) mir-reżin jew miż-żift/qatran (*prepregs*), fibri tal-metall jew miksija bil-karbonju (materja prima) jew "materja prima tal-fibri tal-karbonju", bħalma ġej: a. magħmula minn "materjali fibrużi jew filamentari" speċifikati f'II.A1.009 hawn fuq; b. "Materjali fibrużi jew filamentari" tal-karbonju magħmul minn "matriċi" tar-reżin ta' l-epossi (*prepregs*), speċifikati f'1C010.a., 1C010.b. jew 1C010.c., għat-tiswija ta' l-istrutturi ta' l-ajruplani jew għall-kisi, li fihom, id-daqs tal-folji inividwali tal-prepreg mhux iktar minn 50 cm × 90 cm; ċ. *Prepregs* speċifikati f'1C010.a., 1C010.b. or 1C010.c., meta jkollhom reżini fenoliċi jew epossi li jkollhom temperatura tat-transizzjoni tal-ħġieġ (Tg) inqas minn 433 K (160 °C) u temperatura ta' kura aktar baxxa mit-temperatura tat-transizzjoni tal-ħġieġ. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax materjali fibrużi jew filamentari definiti fil-punt 1C010.e	1C010.e, 1C210
II.A1.011	Komposti taċ-ċeramika rinfurzati bil-karbur tas-silikon, li jistgħu jintużaw għall-ponot ta' quddiem, il-vetturi tad-dħul fl-atmosfera u l-flaps taż-żennuni li jistgħu jintużaw fil-"missili", minbarra dawk speċifikati f'1C107..	1C107

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A1.012	Azzar b'saħtu, minbarra dawk speċifikati f'1C116 jew 1C216, 'kapaċi ta" reżistenza tal-ġibda aħħarija ta' 2050 MPa jew aktar, f'293 K (25°C). Nota Teknika: Il-frażi azzar b'saħtu 'kapaċi ta" tinkludi azzar b'saħħtu qabel u wara t-trattament bis-sħana.	1C216
II.A1.013	Tungsten, tantalu, karbid tat-tungsten u, karbid tat-tantalu u ligi, li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. F'forom li għandhom simetrija ċilindrika vojta jew sferika (inkluż partijiet taċ-ċilindru) b'diametru fuq in-naħa ta' ġewwa bejn 50 mm u 300 mm; u b. Massa ta' iktar minn 5kg. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax tungsten, karbid tat-tungsten u ligi definiti fil-punt 1C226	1C226

A2 Proċessar ta' Materjali

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A2.001	Sistemi ta' prova ta' vibrazzjoni, tagħmir u komponenti għal dak l-iskop, minbarra dawk speċifikati f'2B116: a. Sistemi ta' prova ta' vibrazzjoni li jużaw teknika fejn frazzjoni ta' sinjal li jkun intbagħat jerġa' lura jew ċirkuwitu magħluq u li jinkorporaw kontrollur diġitali, kapaċi jivvibra sistema b'aċċelerazzjoni daqs jew iktar minn 0,1g rms bejn 0,1 Hz u 2 kHz u jagħmel qawwa ta' 50 kN, jew iktar, mkejjel b' 'tavla vojta'; b. Kontrolluri diġitali flimkien ma' *software* ta' prova ta' vibrazzjoni ddisinjat b'mod speċjali, b'"medda ta' frekwenzi fiż-żmien reali" ta' iktar minn 5 kHz imfassla għall-użu tas-sistemi ta' prova ta' vibrazzjoni speċifikati f'a.; ċ. Magni ta' l-imbuttatura għal vibrazzjoni (unità ta' xejker), kemm jekk u kemm jekk mingħajr amplifikaturi assoċjati, ta' qawwa ta' 50 kN jew iktar, imkejla b' 'tavla vojta', u li jista' jintuża f'sistemi ta' prova ta' vibrazzjoni speċifikati f'a.;	2B116

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
	d. Strutturi li jsostnu l-parti li ser tkun ittestjata u unitajiet elettroniċi ddisinjati sabiex jgħaqqdu ħafna unitajiet ta' xejkers f'sistema li hi kapaċi tipprovdi qawwa effettiva ta' 50 kN jew iktar, imkejla b' 'tavla vojta', u li jistgħu jintużaw fis-sistemi ta' vibrazzjoni speċifikati f'a.. Nota Teknika: 'tavla vojta' tfisser tavla ċatta, jew wiċċ, bl-ebda fissi jew *fittings*.	
II.A2.002	Għodod tal-magni għat-taħan li għandhom il-preċiżjoni tal-pożizzjoni bil-"kumpens kollu disponibbli" li hu indaqs jew inqas (aħjar) minn 15 μm skond ISO 230/2 (1988) (1) jew ekwivalenzi nazzjonali matul xi wieħed mill-assi lineari. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax għodod tal-magni għat-taħan definiti fil-punti 2B201.b u 2B001.c	2B201.b, 2B001.ċ
II.A2.002a	Komponenti u kontrolli numeriċi, iddisinjati speċjalment għall-għodod tal-magni speċifikati f'2B001, 2B201, jew f'II.A2.002 hawn fuq.	

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A2.003	Magni tal-bilanċ u tagħmir relatat kif ġej: a. Magni tal-bilanċ, iddisinjati jew modifikati għal tagħmir dentali jew tagħmir mediku ieħor, li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin kollha: 1. Mhumiex kapaċi jibbilanċjaw rotors/immuntar b'massa ta' aktar minn 3 kg; 2. Kapaċi jibbilanċjaw rotors/immuntar b'veloċità ta' aktar minn 12 500 rpm; 3. Kapaċi jikkoreġu żbilanċ f'żewġ pjani jew iktar; u 4. Kapaċi jibbilanċjaw sa diżbilanċ speċifiku residwu ta' 0,2 g mm għal kull kg ta' massa rotanti; b. Irjus indikaturi ddisinjati jew modifikati għall-użu mal-magni speċifikati f'a. hawn fuq. Nota Teknika: Irjus indikaturi huma kultant magħrufa bħala strumentazzjoni ta' l-ibbilanċjar	2B119

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A2.004	Manipulaturi minn distanza li jistgħu jintużaw biex jipprovdu azzjonijiet minn distanza f'operazzjonijiet ta' separazzjoni radju-kimika jew f'ċelluli jaħarqu, minbarra dawk speċifikati f'2B225, li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi jippenetraw 0,3 m jew aktar mill-ħajt ta' cellula taħraq (operazzjoni tat-tip minn ġol-ħajt (*through-the-wall*)); jew b. Kapaċi jgħaddu minn fuq naħa għal oħra ta' ħajt ta' cellula taħraq bi ħxuna ta' 0,3 m jew aktar (operazzjoni tat-tip minn fuq il-ħajt (*over-the-wall*)). Nota Teknika: Manipulaturi minn distanza jbiddlu l-azzjonijiet ta' operatur uman għal driegħ li jaħdem minn distanza u muntaġġ terminali. Dawn jistgħu jkunu tat-tip 'prinċipali/sekondarja' (*'master/slave'*) jew imħaddma b'*joystick* jew tastiera.	2B225
II.A2.005	Fran għat-trattament tas-sħana b'atmosfera kkontrollata, kif ġej: Fran kapaċi joperaw f'temperaturi ta' iktar minn 400ºC.	2B226, 2B227
II.A2.006	Fran ta' ossidazzjoni li kapaċi joperaw f'temperaturi ta' iktar minn 400ºC	2B226, 2B227

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A2.007	"Apparat maħsub sabiex jibdel sinjal ta' pressjoni f'sinjal elettriku", minbarra dawk definiti f'2B230, li hu kapaċi jkejjel pressjoni assoluta f'kull punt ta' l-iskala 0 sa 200 kPa u li għandu ż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Elementi sensorjali tal-pressjoni magħmula minn jew protetti minn "Materjali reżistenti għall-korrużjoni minn UF_6", u b. Li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Skala sħiħa ta' inqas minn 200kPa u 'preċiżjoni' ta' aħjar minn ± 1 % ta' skala sħiħa; jew 2. Skala sħiħa ta' 200 kPa jew aktar u 'preċiżjoni' ta' aħjar minn 2 kPa. Nota Teknika Għall-finijiet ta' 2B30, 'preċiżjoni' tinkludi' dak li mhux lineari, isteresi u r-rata ta' repetizzjoni fit-temperatura tal-post.	2B230

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A2.008	Tagħmir ta' kuntatt likwidu-likwidu (*mixer settlers*, kolonni bil-polz, kuntatturi ċentrifugali); u distributuri tal-likwidu, distributuri tal-fwar jew oġġetti għall-kollezzjoni ta' likwidu ddisinjati għal tali tagħmir fejn kull superfiċi li jkollha kuntatt dirett mal-kimika/kimiċi li qed tkun/ikunu proċessata/proċessati hi magħmula minn kwalunkwe mill-materjali li ġejjin: 1. Ligi b'iktar minn 25% nikil u 20% kromju fil-piż; 2. Fluworopolimeri; 3. Ħġieġ (inkluż kisi vitrifikat jew ta' l-enemel jew kisja tal-ħġieġ); 4. Grafita jew 'grafita tal-karbonju'; 5. Nikil jew ligi b'aktar minn 40% nikil bil-piż; 6. Tantalu jew ligi tat-tantalu; 7. Titanju jew ligi tat-titanju; 8. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; jew 9. Azzar inossidabbli. Nota Teknika: 'Grafita tal-karbonju' huwa kompożizzjoni ta' karbonju amorfu u grafit, fejn il-kontenut ta' grafit huwa tmienja fil-mija jew aktar bil-piż.	2B350.e

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A2.009	Tagħmir u komponenti industrijali, minbarra dawk speċifikati f' 2B350.d, kif ġej: Tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi b'erja tal-wiċċ għat-trasferiment tas-sħana akbar minn 0,05 m^2 u inqas minn 30 m^2; u tubi, pjanċi, bobini jew blokok (qlub) iddisinjati għal tali tagħmir għat-trasferiment tas-sħana jew kondensaturi, fejn l-uċuħ kollha li jiġu f'kuntatt dirett mal-fluwidu/i huma magħmula minn xi wieħed mill-materjali li ġejjin: 1. Ligi b'iktar minn 25% nikil u 20% kromju fil-piż; 2. Fluworopolimeri; 3. Ħġieġ (inkluż kisi vitrifikat jew ta' l-enemel jew kisja tal-ħġieġ); 4. Grafita jew 'grafita tal-karbonju'; 5. Nikil jew ligi b'aktar minn 40% nikil bil-piż; 6. Tantalu jew ligi tat-tantalu; 7. Titanju jew ligi tat-titanju;	2B350.d

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
	8. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju; 9. Karbur tas-silikon; 10. Karbur tat-titanju; jew 11. Azzar inossidabbli. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax ir-radjaturi tal-vetturi.	
II.A2.010	Pompi b'siġilli multipli jew mingħajr siġill, minbarra dawk speċifikati f'2B350i, xierqa għal fluwidi korrożivi, b'rata ta' fluss massima speċifikata mill-manifattur ta' aktar minn 0.6 m^3/siegħa, jew pompi tal-vakwu b'rata ta' fluss massima speċifikata mill-manifattur ta' aktar minn 5 m^3/siegħa (taħt kondizzjonijiet ta' temperatura standard (273 K (0°C)) u pressjoni standard (101.3 kPa)); u kejsings (korpi tal-pompa), inforor tal-kejsings preformati, impellers, rotors jew żennuni tal-pompi tal-ġett iddisinjata għal tali pompi, fejn l-uċuħ kollha li jiġu f'kuntatt dirett mas-sustanza/i kimika/kimiċi li qed jiġu pproċessati huma magħmula minn xi wieħed mill-materjali li ġejjin: 1 Azzar inossidabbli, 2. Liga ta' l-aluminju.	

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A2.011	Separaturi ċentrifugali, b'kapaċità ta' separazzjoni kontinwa mingħajr propagazzjoni ta' erosols u manifatturati minn: 1. Ligi b'iktar minn 25% nikil u 20% kromju fil-piż; 2. Fluworopolimeri; 3. Ħġieġ (inkluż kisi vitrifikat jew ta' l-enemel jew kisja tal-ħġieġ); 4. Nikil jew ligi b'aktar minn 40% nikil bil-piż; 5. Tantalu jew ligi tat-tantalu; 6. Titanju jew ligi tat-titanju; jew 7. Żirkonju jew ligi taż-żirkonju. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax separaturi ċentrifugali definiti fil-punt 2B352.c.	2B352.c
II.A2.012	Filtri tal-metall magħmula mid-depożiti tal-fawwariet jew ligi tan-nikil b'kontenut ta' nikil ta' 40% jew aktar bil-piż. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax filtri definiti fil-punt 2B352.d.	2B352.d

A3 Elettroniċi

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A3.001	Provvisti ta' enerġija ta' kurrent dirett ta' enerġija għolja li għandhom iż-żewġ karatteristiċi li ġejjin: a. Kapaċi li kontinwament jipproduċu, fuq perijodu ta' ħin ta' 8 sigħat, 10 kV jew akbar, bi produzzjoni ta' kurrent ta' 5 kW jew akbar bi jew mingħajr il-ġbid; u b. Stabbilità tal-kurrent jew tal-vultaġġ aħjar minn 0,1% tul perijodu ta' ħin ta' 4 sigħat. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax provvisti ta' enerġija definiti fil-punti 0B001.j.5 u 3A227.	3A227

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.A3.002	Spettrometri tal-massa, minbarra dawk speċifikati f'3A233 jew 0B002g, b'kapaċità li jkejlu jonita' unità ta' massa atomika daqs jew akbar minn 200 u li għandhom riżoluzzjoni ta' aħjar minn 2 partijiet f'200, kif ġej, u s-sorsi ta' joni għalihom: a. Spettrometri tal-massa bil-plażma b'akkoppjament induttiv (ICP/MS); b. Spettrometri tal-massa bi skarika inkandexxenti (GDMS); ċ. Spettrometri tal-massa b'jonizzazzjoni termika (TIMS); d. Spettrometri tal-massa b'bumbardament ta' elettroni li għandhom kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b'materjali reżistenti għall-UF_6"; e. Spettrometri tal-massa b'raġġi molekulari li għandhom xi waħda mill-karatteristiċi li ġejjin: 1. Kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b'azzar inossidabbli jew molibdenu u mgħammra bi trappola tal-kesħa li kapaċi tkessaħ sa 193 K (- 80°C) jew anqas; jew 2. Kamra tas-sors mibnija minn, miksija bi jew ibbanjata b'materjali reżistenti għall-UF_6"; f. Spettrometri tal-massa mgħammra b'sors joniku ta' mikrofluworizzazzjoni ddisinjati għal aktinidi jew fluworidi ta' l-aktinid.	3A233

A.6 Sensuri u Lasers

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 349/2006
II.A6.001	Vireġ tal-granata ta' ittriju ta' l-aluminju (YAG)	
II.A6.002	Ottiċi bl-infra-aħmar fil-medda ta' tul ta' mewġ ta' 9 µm - 17 µm u komponenti ta' dan, inkluż komponenti tal-tellurur tal-kadmju (CdTe). Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax kameras u komponenti definiti fil-punt 6A003	6A003
II.A6.003	Sistemi ta' korrezzjoni tal-front ta' mewġa għall-użu b'raġġ tal-laser li għandu dijametru ta' iktar minn 4mm, u komponenti disinjati speċjalment għal dan, inklużi sistemi ta' kontroll, sensuri *phase front* u "mirja deformabbli" inklużi mirja bimorf. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax mirja definiti f'6A004.a, 6A005.e u 6A005.f	6A004.a, 6A005.e, 6A005.f

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 349/2006
II.A6.004	"Lasers" ta' l-argon jonizzat li għandhom saħħa tal-ħruġ medja li taqbeż il-5 W; Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax "lasers" ta' l-argon jonizzat definiti fil-punti 0B001.g.5., 6A005 u 6A205.a	6A005.a.6, 6A205.a
II.A6.005	"Lasers" semikondutturi u komponenti tagħhom, kif ġej: a. "Lasers" semikondutturi individwali b'qawwa medja tal-ħruġ iżjed minn 200mW kull wieħed, fi kwantitajiet ikbar minn 100; b. Arranġamenti individwali ta' "lasers" semikondutturi b'qawwa medja tal-ħruġ iżjed minn 20 W. Noti: 1. "Lasers" semikondutturi normalment jissejħu dijodi tal-"laser". 2. Dan il-punt ma jikkontrollax "lasers" definiti fil-punti 0B001.g.5, 0B001.h.6 u 6A005b. 3. Dan il-punt ma jikkontrollax "dijodi tal-laser b'tul tal-mewġ fil-medda 1 200 nm - 2 000 nm.	6A005.b

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 349/2006
II.A6.006	"Lasers" semikondutturi li jistgħu jiġu kkurdati u arranġamenti ta' "lasers" semikondutturi li jistgħu jiġu kkurdati, ta' tul ta' mewġ bejn 9 μm u 17 μm, kif ukoll gruppi ta' arranġamenti ta' "lasers" semikondutturi li fihom ta' l-inqas "arranġament wieħed ta' lasers" semikondutturi li jistgħu jiġu kkurdati ta' tali tul ta' mewġ. Noti: 1. "Lasers" semikondutturi normalment jissejħu dijodi tal-"laser". 2. Dan il-punt ma jikkontrollax "lasers" semikondutturi definiti fil-punti 0B001.h.6 u 6A005.b.	6A005.b
II.A6.007	"Lasers" fl-istat solidu "li jistgħu jiġu kkurdati" kif ġej, u komponeneti ddisinjati apposta għalihom: a. Lasers taż-żaffir titanju; b. Lasers alessandrite. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax lasers taż-żaffir titanju u lasers alessandrite definiti fil-punti 0B001.g.5, 0B001.h.6 u 6A005.c.1	6A005.c.1

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 349/2006
II.A6.008	"Lasers" iddopati bin-neodimju (għajr ħġieġ), b'tul ta' mewġ tal-ħruġ li jaqbeż l-1000 nm iżda ta' mhux iżjed minn 1 100 nm u enerġija ta' ħruġ li teċċedi 10 J kull impuls. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax "lasers" iddopati bin-neodimju (għajr ħġieġ) definiti fil-punt 6A005.c.2.b	6A005.c.2
II.A6.009	Komponenti ta' akustiċi-ottiċi, kif ġej: a. Tubi għall-immaġni u għodda għall-immaġni fl-istat solidu li għandhom frekwenza ta' rikorrenza daqs jew akbar minn 1kHz; b. Provvisti ta' frekwenza ta' rikorrenza; c. Ċelluli *Pockels*.	6A203.b.4.c
II.A6.010	Kameras reżistenti għar-radjazzjoni, jew lentijiet għalihom, minbarra dawk speċifikati f'6A203c, iddisinjati apposta jew previsti bħala reżistenti għal doża ta' radjazzjoni totali ogħla minn 50×10^3 Gy (silikon) (5×10^6 rad (silikon)) mingħajr degradazzjoni operattiva. Nota Teknika: It-terminu Gy (silikon) jirriferi għall-enerġija f'Joules għal kull kilogram li hija assorbita minn kampjun mhux miksi tas-silikon espost għar-radjazzjoni ionizzanti.	6A203.c

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 349/2006
II.A6.011	Amplifikaturi u oxxillaturi laser bl-impulsi b'koloranti li jistgħu jiġu kkurdati, li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu fuq tulijiet ta' mewġ bejn 300 nm u 800 nm; 2. Qawwa medja ta' ħruġ ogħla minn 10 W iżda mhux iktar minn 30W; 3. Rata ta' ripetizzjoni ikbar minn 1 kHz; u 4. Wisa' ta' l-impuls inqas minn 100 ns; Noti: 1. Dan il-punt ma jikkontrollax oxxillaturi b'modalità unika. 2. Dan il-punt ma jikkontrollax amplifikaturi u oxxillaturi laser bl-impulsi b'koloranti li jistgħu jiġu kkurdati, definiti fil-punti 6A205.c, 0B001.g.5 u 6A005	6A205.ċ

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 349/2006
II.A6.012	"Lasers" bl-impulsi tad-diossidu tal-karbonju li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin: 1. Jaħdmu fuq tulijiet ta' mewġ bejn 9.000 nm u 11.000 nm; 2. Rata ta' repetizzjoni ogħla minn 250 kHz; 3. Qawwa medja ta' ħruġ ogħla minn 100 W iżda mhux iktar minn 500 W; u 4. Wisa' ta' l-impuls ta' inqas minn 200 ns. Nota: Dan il-punt ma jikkontrollax amplifikaturi u oxxillaturi laser bl-impulsi tad-diossidu tal-karbonju definiti fil-punti 6A205.d, 0B001.h.6 u 6A005	6A205.d

A.7 Navigazzjoni u Avjoniċi

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2000
II.A7.001	Sistemi Inerzjali u komponenti ddisinjati apposta, kif ġej: I. Sistemi ta' navigazzjoni inerzjali li huma ċċertifikati għall-użu fuq "inġenji ta' l-ajru ċivili" minn awtoritajiet ċivili ta' Stat li jipparteċipa fl-Arranġament Wassenaar, u komponenti ddisinjati b'mod speċjali, kif ġej: a. Sistemi ta' navigazzjoni inerzjali (INS) (*gimballed* jew *strapdown*) u tagħmir inerzjali ddisinjat għall-"inġenji ta' l-ajru", vetturi ta' l-art, bċejjeċ tat-tbaħħir (tal-wiċċ jew ta' taħt wiċċ l-ilma) jew "vetturi spazjali" għall-attitudni, gwida jew kontroll, b'xi wieħed mill-karatteristiċi li ġejjin, u komponenti ddisinjati apposta għalihom: 1. Żball ta' navigazzjoni (liberu inerzjali) sussegwenti għall-alinjament normali ta' 0,8 mil nawtiku kull siegħa (nm/hr) "Probabbli Żball Ċirkolari" (CEP) jew anqas (aħjar); jew 2. Speċifikati biex jaħdmu f'livelli ta' aċċellerazzjoni lineari ogħla minn 10 g;	7A003, 7A103

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2000
	b. Sistemi ta' Navigazzjoni Ibridi Inerzjali, li jkunu jinstabu f'Sistemi ta' Sattellita Globali ta' Navigazzjoni (s) (GNSS) jew ma' "Navigazzjoni Referenzata *Data-Based*" ("DBRN") Sistemi (s) għall-attitudni, gwida jew kontroll, sussegwenti għall-allinjament normali, li jkollha eżattezza ta' pożizzjoni ta' navigazzjoni INS wara t-telf ta' GNSS jew "DBRN" għall-perijodu sa erbà minuti, ta' anqas minn (aħjar) 10 metri, "Probabbli Żball Ċirkolari" (CEP); ċ. Tagħmir Inerzjali għall-Indikazzjoni ta' l-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana b'xi wieħed mill-karatteristiċi li ġejjin, u komponenti ddisinjati apposta għalih: 1. Iddisinjat biex ikollu preċiżjoni ta' l-Indikazzjoni ta' l-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana ugwali għal, jew inqas (aħjar) minn 6 minuti ta' arkata RMS f'latitudni ta' 45 grad; jew 2. Iddisinjat għal xokk non-operattiv tal-livell ta' 900 g jew aktar għal ħin ta' 1 msec, jew iżjed.	

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2000
	Nota: Il-parametri ta' I.a. u I.b. huma applikabbli f'kull waħda mill-kondizzjonijiet ambjentali li ġejjin: 1. Vibrazzjoni każwali tad-dħul ta' kobor globali ta' 7,7 g rms fl-ewwel nofs siegħa u ħin totali tat-test ta' siegħa u nofs kull assi f'kull wieħed mit-tliet assi perpendikulari, meta l-vibrazzjoni każwali tissodisfa dan li ġej: a. Densità ta' qawwa kostanti spektrali (PSD) valur ta' 0,04 g^2/Hz fuq interval ta' frekwenza ta' 15 sa 1000 Hz; u b. Il-PSD tonqos mal-frekwenza minn 0,04 g^2/Hz sa 0,01 g^2/Hz fuq intervall ta' frekwenza minn 1 000 sa 2 000 Hz; 2. Rata ta' *roll* u *yaw* daqs jew aktar minn + 2,62 radian/s (150 deg/s); jew 3. Skond l-i*standards* nazzjonali ekwivalenti għal 1. jew 2. hawn fuq. Noti Tekniċi: 1. I.b. jirreferi għal sistemi li fihom jinbnew l-INS u għajnuniet oħra ta' navigazzjoni indipendenti, f'unit waħda (ġewwa fih) sabiex tintlaħaq prestazzjoni mtejba.	

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2000
	2. 'Żball Ċirkulari Probabbli' (CEP) – F'distribuzzjoni normali ċirkulari, ir-raġġ taċ-ċirku li fih 50 fil-mija tal-kejl individwali li qed jittieħdu, jew ir-raġġ taċ-ċirku li fih hemm probabbiltà ta' preżenza ta' 50 fil-mija. II. Sistemi ta' teodolit li jinkorporaw tagħmir inerzjali ddisinjat apposta għal skopijiet ta' serveying ċivili u biex ikollu preċiżjoni ta' l-Indikazzjoni ta' l-Ażimut, ir-Rotta, jew it-Tramuntana ugwali għal, jew inqas (aħjar) minn 6 minuti ta' arkata RMS f'latitudni ta' 45 grad, u komponenti ddisinjati apposta għalihom. III. Tagħmir inerzjali jew tagħmir ieħor li juża aċċellerometri speċifikati f'7A001 jew 7A101, fejn tali aċċellerometri huma ddisinjati u żviluppati apposta bħala sensuri MWD (Kejl Waqt it-Tħaffir) għall-użu f'operazzjonijiet ta' tħaffir.	

II.B. Teknoloġija

Nru	Deskrizzjoni	Oġġett relatat mill-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 394/2006
II.B.001	Teknolġija meħtieġa għall-iżvilupp, produzzjoni jew użu ta' l-oġġetti fil-Parti A (Oġġetti) hawn fuq.	

ANNESS III

Websites għal informazzjoni dwar l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 3(4), 3(5), 5(3), 6, 8, 9, 10(1), 10(2), 13(1) u 17 u indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea

BELĠJU

http://www.diplomatie.be/eusanctions

BULGARIJA

http://www.mfa.government.bg

REPUBLIKA ĊEKA

http://www.mfcr.cz/mezinarodnisankce

DANIMARKA

http://www.um.dk/da/menu/Udenrigspolitik/FredSikkerhedOgInternationalRetsorden/Sanktioner/

ĠERMANJA

http://www.bmwi.de/BMWi/Navigation/Aussenwirtschaft/Aussenwirtschaftsrecht/embargos.html

ESTONJA

http://web-visual.vm.ee/est/kat_622/

GREĊJA

http://www.ypex.gov.gr/www.mfa.gr/en-US/Policy/Multilateral+Diplomacy/International+Sanctions/

SPANJA

www.mae.es/es/MenuPpal/Asuntos/Sanciones+Intenacionales

FRANZA

http://www.diplomatie.gouv.fr/autorites-sanctions/

IRLANDA

http://www.dfa.ie/un_eu_restrictive_measures_ireland/competent_authorities

ITALJA

http://www.esteri.it/UE/deroghe.html

ĊIPRU

http://www.mfa.gov.cy/sanctions

LATVJA

http://www.mfa.gov.lv/en/security/4539

LITWANJA

http://www.urm.lt

LUSSEMBURGU

http://www.mae.lu/sanctions

UNGERIJA

http://www.kulugyminiszterium.hu/kum/hu/bal/nemzetkozi_szankciok.htm

MALTA

http://www.doi.gov.mt/EN/bodies/boards/sanctions_monitoring.asp

OLANDA

http://www.minbuza.nl/sancties

AWSTRIJA

http://www.bmeia.gv.at/view.php3?f_id=12750&LNG=en&version=

POLONJA

http://www.msz.gov.pl

PORTUGALL

http://www.min-nestrangeiros.pt

RUMANIJA

http://www.mae.ro/index.php?unde=doc&id=32311&idlnk=1&cat=3

SLOVENJA

http://www.mzz.gov.si/si/zunanja_politika/mednarodna_varnost/omejevalni_ukrepi/

SLOVAKKJA

http://www.foreign.gov.sk

FINLANDJA

http://formin.finland.fi/kvyhteistyo/pakotteet

SVEZJA

RENJU UNIT

http://www.fco.gov.uk/competentauthorities

Indirizz għan-notifiki lill-Kummissjoni Ewropea:

European Commission

DG External Relations

Directorate A. Directorate A. Crisis Platform and Policy Coordination in CFSP

Unit A.2. Crisis Management and Conflict Prevention

CHAR 12/106

B-1049 Bruxelles/Brussel (Belgium)

E-mail: relex-sanctions@ec.europa.eu

Tel.: (32 2) 295 55 85, 299 11 76

Fax: (32 2) 299 08 73

ANNESS IV

Lista ta' persuni, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 7(1)

A. Persuni, entitajiet u korpi ġuridiċi

(1) Organizzazzjoni ta' l-Enerġija Atomika ta' l-Iran (AEOI). Informazzjoni oħra: Involviment fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(2) Organizzazzjoni ta' l-Industriji tad-Difiża (DIO). Informazzjoni oħra: (a) Entità globali kkontrollata minn MODAFL, li xi ftit mis-subordinati tagħha kienu involuti fil-programm ta' ċentrifugazzjoni għall-komponenti, u fil-programm dwar il-missili, (b) Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(3) Grupp Industrijali ta' Fajr. Informazzjoni oħra: (a) Dak li qabel kien Impjant ta' Fabrika ta' l-Istrumentazzjoni, (b) Entità subordinata ta' l-AIO, (ċ) Involuta fil-programm missilistiku ballistiku ta' l-Iran.

(4) Farayand Technique. Informazzjoni oħra: (a) Involviment fil-programm nukleari ta' l-Iran (programm taċ-ċentrifugi), (b) Identifikata fir-rapporti ta' l-AIEA.

(5) Kala-Electric (magħrufa wkoll bħala Kalaye Electric). Informazzjoni oħra: (a) Fornitur ġ'all-PFEP — Natanz, (b) Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(6) Il-Kumpannija Mesbah Energy. Informazzjoni oħra: (a) Fornitur tar-reattur għar-riċerka A40 — Arak, (b) Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(7) Il-Kumpannija Pars Trash. Informazzjoni oħra: (a) Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran (programm taċ-ċentrifugi), (b) Identifikata fir-rapporti ta' l-AIEA.

(8) Is-Seba' ta' Tir. Informazzjoni oħra: (a) Subordinata ta' DIO, rikonoxxuta ġeneralment bħala involuta direttament fil-programm nukleari ta' l-Iran, (b) Involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(9) Il-Grupp Industrijali Shahid Bagheri (SBIG). Informazzjoni oħra: (a) Entità subordinata ta' l-AIO, (b) Involuta fil-programm tal-missili ballistiċi ta' l-Iran.

(10) Il-Grupp Industrijali Shahid Hemmat (SHIG). Informazzjoni oħra: (a) entità subordinata ta' l-AIO, (b) Involuta fil-programm tal-missili ballistiċi ta' l-Iran.

B. Persuni fiżiċi

(1) Dawood Agha-Jani. Funzjoni: Kap tal-PFEP (Natanz). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(2) Behman Asgarpour. Funzjoni: Maniġer Operattiv (Arak). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(3) Bahmanyar Morteza Bahmanyar. Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Finanzi u l-Baġit, AIO. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili balistiċi ta' l-Iran.

(4) Ahmad Vahid Dastjerdi. Funzjoni: Kap ta' l-AIO. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili balistiċi ta' l-Iran.

(5) Reza-Gholi Esmaeli. Funzjoni: Kap tad-Dipartiment tal-Kummerċ u l-Affarijiet Internazzjonali, AIO. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili balistiċi ta' l-Iran.

(6) Ali Hajinia Leilabadi. Funzjoni: Direttur Ġenerali tal-Kumpannija Mesbah Energy. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(7) Jafar Mohammadi. Funzjoni: Konsulent Tekniku għall-AEOI (inkarigat mill-ġestjoni tal-produzzjoni ta' valvijiet għaċ-ċentrifugi). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(8) Ehsan Monajemi. Funzjoni: Maniġer tal-Proġett ta' Kostruzzjoni, Natanz. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(9) Mohammad Mehdi Nejad Nouri. Titolu: Ten Ġen. Funzjoni: Rettur ta' l-Università ta' Malek Ashtar għat-Teknoloġija tad-Difiża. Informazzjoni oħra: Id-dipartiment tal-kimika ta' l-Università ta' Ashtar għat-Teknoloġija tad-Difiża huwa affiljat mal-MODALF u wettaq esperimenti dwar il-berilju. Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(10) Mohammad Qannadi. Funzjoni: Viċi President ta' l-AEOI għar-Riċerka u l-Iżvilupp. Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm nukleari ta' l-Iran.

(11) Yahya Rahim Safavi. Titolu: Ten Ġen. Funzjoni: Kmandant, IRGC (Pasdaran). Informazzjoni oħra: Persuna involuta kemm fil-programm nukleari ta' l-Iran kif ukoll fil-programm tal-missili balistiċi ta' l-Iran.

(12) Hosein Salimi. Titolu: Ġeneral. Funzjoni: Kmandant tal-Forza ta' l-Ajru, IRGC (Pasdaran). Informazzjoni oħra: Persuna involuta fil-programm tal-missili balistiċi ta' l-Iran.

ANNESS V

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 7(2)